SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 59/K9/23**

Data tal-laqgħa: 5 ta' Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Adrian Dominic Ellul - Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
Victor Vella – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

**Assenti:** (2) Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc No. 43657/23)
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc No. 43650/23)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

59.1.01 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu li jigi skużat. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

59.1.02 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fil-5.20p.m.

**59.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

59.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 57/K8/23 u Minuti 58/K9/23**.**

59.2.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt dwar Minuti 57/K8/23 li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli imnizzla fil-prezenti meta kienet assenti. Għaldaqstant talbet li ssir korrezzjoni. Il-Kunsill qabel.

59.2.03 Iċ-Ċermen għamel referenza għal-57.6.08 li l-permess mhux hdejn il-pitch iżda fuq is-simenta taħt it-triq ħdejn il-Pitch.

59.2.04 Wara l-korrezzjonijiet li saru, il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

59.2.05 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ.

59.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**59.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

59.3.01 Ġnien Spinola – hemm il-permess mahruġ sabiex jibda dan il-proġett. Is-Sur Dennis Vella CEO tal-Foundation for Tourism Zone talab li għandna nagħtu xi flus mill-Planning Funds sabiex ikun jista' jibda dan il-proġett. Il-Kunsillier Martin Sultana ssuġġerixxa li qabel jingħataw dawn il-flus tingħata preżentazzjoni tal-proġett kollu kif ser ikun qiegħed isir u jingħataw is-suġġerimenti kollha.

59.3.02 Rigward il-flus li hemm dwar għal-proġett tas-Sur Paul Xuereb, il-Kunsilliera għandhom ċans sa' laqgħa oħra sabiex jibagħtu s-suġġerimenti tagħhom biex jiżdiedu mal-lista li ser nipreżentaw lis-Sur Paul Xuereb ħalli flimkien naraw kif ser jintefqu dawn il-flus.

59.3.03 Sqaq is-Sigra – tarmac lest, u ser ikunu qed isiru r-road markings tagħha. Iċ-Ċermen iltaqa' ma' xi residenti dwar talba fir-rigward Sqaq is-Siġra fejn tiġi titla' biss tidħol ġo Triq Patrick Brydone in-naħa ta' San Ġwann u l-ħruġ ikun minn Triq Henry Calleja. Sa laqgħa oħra l-Kunsilliera għandhom jiċċekjaw dwar din it-triq u nerġgħu nitkelmu dwarha.

59.3.04 Iċ-Ċermen issuġerrixa li Telgħet Birkirkara għal Trejqet il-Bajja, tinżel għal Marriot Hotel tinqabel it-traffic flow jigifieri tinżel minn Telgħet Birkirkara għal Trejqet il-Bajja. Il-Kunsilliera għandhom xahar ċans sabiex jarawha.

59.3.05 Il-Pjanta dwar l-escooters ingħatat lill-Transport Malta.

59.3.06 Ġnien Saver Zarb – iċ-Ċermen tkellem mas-Sur Steve Ellul (Project Green) fejn ġie nfurmat li dawn ma jistgħux jieħduha f'idejhom. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitwaqqa' l-kuntratt tad-Derek Garden Centre.

59.3.07 Iċ-Ċermen kellu laqgħa ma' Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Residential Parking, din għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir bejn il-Kunsilliera u l-Kunsill għandhu jagħti s-suġġerimenti tiegħu sal-aħħar ta' Settembru.

59.3.08 Xatt is-Sajjieda – Transport Malta aċċettaw li ma jsirx refuiling tad-dgħajjes fuq il-Mall bejn it-tmienja ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija.

59.3.09 Festa San Ġiljan – Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar il-konġestjoni li kien hemm ħdejn il-Kulleġġ ta' l-Għarab. Ser inkunu qed nitolbu lill-LESA sabiex inkunu nafu fejn kienu allokati dawn il-wardens.

59.3.10 Saret laqgħa mas-Sur Pagani l-Project Manager tal-binja ta' l-ITS, fejn waqt din il-laqgħa wera liċ-Ċermen il-hoarding fejn ser ikun qiegħed isir minħabba li dan ser ikun fuq perjodu twil. Il-Kunsill qabel ma' din il-pjanta.

59.3.11 Saret laqgħa mal-Onor. Owen Bonnici dwar l-problema ta' l-iskart. Fejn min-naħa tagħna tajna s-suġġerimenti tagħna. Għal din l-laqgħa attendew iċ-Ċermen u l-Assistant Principal.

59.3.12 Ġie iffirmat l-ftehim tar-Reġjun Kulturali għas-sena 2024.

59.3.13 Housing Authority – ser jiġu allokati €150k dwar iċ-ċnut ġewwa ta' Ġiorni u affarijiet oħra li jistgħu jiġu rranġati f'din iż-żona. Ser inkunu qed nibagħtu lill-Perit tal-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nippreparaw BOQ.

59.3.14 Ingħataw finanzjament mir-Reġjun Lvant bi ftehiem mal-LESA għall-ammont ta' ħamest'elef u ħames mitt Ewro sabiex inkunu nistgħu nużawhom għal użu ta' gwardjani għal waqt l-attivitajiet fil-lokalita'.

59.3.15 Ser nkunu qed mmorru delegazzjoni ta' Kunsentmikloz. Din ser tkun bejn 08 ta' Settembru u 11 ta' Settembru 2023. Ser ikunu qed imorru ċ-Ċermen, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Victor Vella. Minħabba li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma jistax jkun parti mid-delegazzjoni ser titla l-Assistant Prinċipal Cher Carmen Fenech kif ukoll l-Assistant Prinċipal Marilyn Demanuele flimkien mar-raġel tagħha. L-ispiża tar-raġel tas-Sinjura Demanuele ser titħallas minnhom personali.

59.3.16 Tqajjem il-punt dwar l-Advertising Barriers. Bhalissa l-Bye-Law tghid li għandhu jinżamm l-prezz ta' mittejn Ewro kull naħa. Maż-żmien l-Kunsill ra li dan l-ammont hu eċċessiv u qed ikun ta' problema biex jinġabru l-flus tagħhom. Għalhekk fuq suġġeriment taċ-ċermen ġie deċiż li l-prezz jinbidel għal ħamsa u sebgħin Ewro kull naħa. Dan bi ftehiem li l-flus iridu jitħallsu fi żżmien li jkun stipulat bejn il-Kunsill u l-kuntratturi.

59.3.17 Iċ-Ċermen ġibed lattenzjoni dwar il-laqgħa li hu u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul kellhom mal-Ministru Clifton Grima dwar il-playfield tal-Ġnien Dun Anton Schiberras sabiex dan ikun jista jiġi mwelli lil terzi persuni. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul kellu jistaqsi lill-Ministru dwar dan.

## 59.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

59.4.01 Il-Kunsillier Victor Vella spjega dwar Triq William H.Prescott, il-biċċa tan-naħa ta' ġewwa, ser nkunu qed niktbu lill-Perit sabiex nikkonfermaw jekk din hijiex privata.

## 59.5 Talbiet żgħar

### 59.5.01 Talba sabiex jiżdiedu t-*traffic calming measures* fi Sqaq is-Siġra;

59.5.01.01 Il-Kunsill qiegħed jikkunsidra li Sqaq is-Siġra tiġi one way il-fuq u ma jkunx hemm bżonn calming measures dejjem bl-approvazzjoni tat-Transport Malta.

### 59.5.02 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ;

59.5.02.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ser ikun qiegħed jiċċekja ma' persuna u jtina risposta.

### 59.5.03 Email dwar il-ktieb Karamellu tar-Raħal t'Isfel – it-Tielet ktieb;

59.5.03.01 Ġie deciz unanimament li ser jinxtraw sitt kotba ta' dan il-volum.

**59.5.04 Talba sabiex titwaħħal tabella fi Triq Ir-Rampa ta' San Giljan kantuniera mal-Pjazza tal-Balluta;**

59.5.04.01 Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' miegħu.

**59.5.05 Talba sabiex jitwaħħal Bus Shelter fi Triq ta' Ġiorni;**

59.5.05.01 Il-Kunsilliera ġew infurmata b'din il-korrispondenza. Ser nkunu qed namlu l-applikazzjoni u naraw x hemm bżonn li jsir.

**59.5.06 Korrispondenza sabiex tisemma Triq bla isem li minn Xatt ta' San Gorg tmur Pembroke u dwar l-bdil tal-isem ta parti mit-Triq Sir Joseph Carbone;**

59.5.06.01 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta li tisemma parti mit-Triq Sir Joseph Carbone fejn din tiġi msemmija kif qed jiġi propost min-naħa ta' l-Street Committee jigifieri it-triq tkun jisimha Triq Edward De Bono minflok Triq Oreste Chricop.

59.5.06.02 Fir-rigward talba oħra mill-Istreet Naming Committee dwar it-triq li tagħti bejn il-Bajja ta' San Ġorġ u Pembroke, min-naħa tal-Kunsill Lokali Pembroke ġie ssuġġerit li t-din it-telgħa tiġi msemmija għal Triq San David. Il-Kunsill talab li tiġi msemmija għal Lord Moynaham.

**59.5.07 Talba għal Reduced Hours;**

59.5.07.01 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u qabel ma' din it-talba.

59.6.08.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-6.45p.m.

59.6.09 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand Sinjura dwar Triq Sant' Anġlu, huwa talab li jekk il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni ser ikun qiegħed jiltaqa' magħha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**59.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

59.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6029 sa 6041. (Ara Appendiċi 'A')

59.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**59.7 Skeda tal-Pagamenti**

59.7.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

59.7.02 Il-Kunsillier Victor Vella ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

59.7.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

**59.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

59.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023 fil-laqgħa 5.00p.m.

59.8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Malcolm Agius**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 10 ta' Ottubru 2023**